## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Mandat t'Inibizzjoni Nru **705/2023/1 (AD)**

## RUTH CAMILLERI (KI 479585M)

**VS**

## AĠENZIJA DWAR IS-SERVIZZI TAL-QRATI

**Il-Qorti**:

1. Dan hu digriet finali wara talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni permezz ta' rikors ta' Ruth Camilleri datat erbgħa (4) ta' Mejju 2023, u risposta tal-Aġenzija dwar is-Servizzi tal-Qrati (minn issa 'l quddiem ***"l-Aġenzija intimata"***) datata għaxra (10) ta' Mejju 2023.

**Preliminari**

2. B'rikors preżentat nhar l-erbgħa (4) ta' Mejju 2023, Ruth Camilleri talbet lil din il-Qorti sabiex **iżżomm lill-intimata milli tipproċedi bi proċedura ta' dixxiplina fil-konfront tagħha, għas-segwenti raġunijiet:**

a. **Illi r-rikorrenti hija mpjegata mal-Aġenzija intimata;**

b. **Illi hija rċeviet ittra fejn ġiet informata illi ser jittieħdu proċeduri ta' dixxiplina fil-konfront tagħha** (*Dok A-C*);

c. **Illi dan pero ma jistax iseħħ għaliex hija ġiet ingaġġata mas-servizz pubbliku. Permezz tal-Avviż Legali 197/19 is-Segretarju Permanenti tal-Gvern ingħata l-fakulta' li jiddetailja nies impjegati mad-Dipartiment tal-Ġustizzja għal mal-Aġenzija intimata. Ingħata wkoll id-dritt li jirrevoka tali *detail*;**

d. **Illi konsegwentement, ladarba r-rikorrenti hija impjegata mas-servizz pubbliku, l-unika entita' li tista' tiddixxiplina lir-rikorrenti minħabba allegazzjonijiet li jsiru in konnessjoni mal-impjieg tagħha mal-Aġenzija intimata hija l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku;**

e. **Illi r-rikorrenti ser tiġi ppreġudikata jekk l-Aġenzija intimata ma tiġix inibita kif ingħad;**

3. Il-Qorti, b'digriet mogħti nhar l-erbgħa (4) ta' Mejju 2023 stess, appuntat ir-rikors għas-smigħ għas-seduta tal-Ġimgħa, tnax (12) ta' Mejju 2023, ordnat in-notifika tar-rikors lill-Aġenzija intimata, u akkordat lill-Aġenzija intimata terminu sal-ħdax (11) ta' Mejju 2023 għar-risposta;

4. Permezz ta' rikors datat ħamsa (5) ta' Mejju 2023, l-Aġenzija intimata informat lil din il-Qorti illi l-avukat illi tippatroċinaha kienet ser tkun imsiefra nhar it-tnax (12) ta' Mejju 2023, u għaldaqstant talbet lil din il-Qorti tiddiferixxi s-seduta għal data oħra;

5. Il-Qorti, b'digriet datat tmienja (8) ta' Mejju 2023, laqgħet it-talba u ddiferiet is-smigħ tal-mandat għas-seduta tas-sittax (16) ta' Mejju 2023;

6. Permezz ta' risposta datata għaxra (10) ta' Mejju 2023, l-Aġenzija intimata opponiet għat-talba għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni kif rikjest, u dan għal

diversi raġunijiet, fothom illi: (a) l-elementi rikjesti *ad validitatem* sabiex jintlaqa' mandat bħal dan ma ġewx sodisfatti; u (b) permezz ta' strument ta' delega mogħti mill-Prim Ministru nhar it-22 ta' Marzu 2022, il-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija intimata ngħatat delega illi teżerċita kontroll dixxiplinarju skont ir-Regolament tal-Proċedura tad-Dixxiplina tal-Kummizzjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq l-uffiċċjali pubbliċi li ġew adetti mal-istess Aġenzija;

7. Permezz ta' rikors datat tnax (12) ta' Mejju 2023, ir-rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex tilqa' l-mandat proviżorjament u tordna lill-Aġenzija intimata sabiex tissospendi l-proċeduri ta' dixxiplina sakemm jiġi deċiż dan il-mandat, u dan stante illi l-proċeduri ta' dixxiplina mertu ta' dan il-mandat kienu appuntati għal nhar it-Tnejn, 15 ta' Mejju 2023, u cioe <u>qabel</u> is-seduta għas-smigħ tal-mandat odjern. Din il-Qorti laqgħet it-talba permezz ta' digriet datat tnax (12) ta' Mejju 2023 stess.

**Il-Qorti**

8. Wara illi rat l-atti u d-dokumenti kollha preżentati;

9. Wara li semgħet it-trattazzjoni tar-rikorrenti u tal-Aġenzija intimata waqt is-seduta tas-sittax (16) ta' Mejju 2023;

10. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet**

11. Fl-ewwel lok, issir referenza għall-Artikolu 873(1) tal-Kap 12, illi jistabbilixxi illi, *"L-iskop tal-mandat t'inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat",* filwaqt illi skont l-Artikolu 873(2), imbagħad, *"Il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat*

*huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk id-drittijiet";*

12. Peress illi l-mandat odjern ġie intavolat kontra l-Aġenzija dwar is-Servizzi tal-Qrati, għandu japplika wkoll għall-każ in eżami dak stabbilit fis-sub-inċiż tlieta (3) tal-Art 873, u cioe:

> *Il-qorti m'għandha toħroġ ebda mandat bħal dak kontra l-Gvern jew awtorita' mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha kemm-il darba l-awtorita' jew il-persuna li kontra tagħha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet mogħtija, li kemm-il darba ma jinħariġx il-mandat, il-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma.*

13. Minn dawn il-provvedimenti tal-liġi jirriżulta għalhekk illi tlieta huma l-elementi illi għandhom jiġu sodisfatti sabiex tiġi milqugħa talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni:

    **a.** Il-Qorti għandha teżamina jekk ikunx ġie pruvat illi r-rikorrent għandu xi jedd *prima facie*;

    **b.** Il-Qorti għandha tkun sodisfatta illi l-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet illi r-rikorrent qed jippretendi illi għandu;

    **c.** Il-Qorti għandha tkun sodisfatta illi dak illi r-rikorrent qiegħed jitlob illi l-intimat jiġi inibit milli jagħmel, jaf jikkawża preġudizzju lir-rikorrent fil-każ illi l-mandat ma jiġix akkordat;

14. In oltre, f’talba għal ħruġ ta’ mandat t’inibizzjoni kontra l-Gvern jew awtorita’ mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha, jeħtieġ illi jiġu sodisfatti żewġ elementi oħra:

**a.** Dikjarazzjoni illi l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir;

**b.** Il-Qorti għandha tkun sodisfatta illi jekk ma tintlaqax it-talba għall-ħruġ tal-mandat, il-preġudizzju li jinħoloq lir-rikorrent ser ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-għemil illi r-rikorrent ikun qiegħed jipprova jżomm milli sseħħ.

15. F’dak li jirrigwarda l-jedd *prima facie,* ġie ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet, ***Victor Sultana vs Julian Sultana***[1]:

> *Rigward l-element tal-prima facie, il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet illi dan huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv. Ma hix kwestjoni ta’ diskrezzjoni tal-ġudikant. Fi kliem ieħor, il-jedd irid jidher ‘prima facie’, jiġifieri mal-ewwel daqqa t’għajn. Għalhekk l-eżami tal-Qorti f’dan l-istadju preliminari tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet m’għandhiex tkun waħda approfondita, imma limitata għall-apprezzament tal-elementi ġuridiċi u fattwali fuq bażi prima facie. Wieħed irid jagħraf ukoll li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikolta’, disaġju jew tħassib.*

16. L-istess, iżda f’aktar dettal, ingħad fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Helen Mercieca et vs Inġinier Joseph Bajada***[2]:

> *Illi kulma huwa meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta’ mandat t’inibizzjoni, [huwa] li jkun hemm fumus boni*

[1] Mandat Nru 4/2020, Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri (Sezzjoni Ġenerali), 17 ta’ Frar 2020, Maġ Dr Brigitte Sultana
[2] Mandat Nru 1742/2016/1, Qorti Ċivili (Prim’Awla), 12 ta’ Diċembru 2016, Onor Imħ Lawrence Mintoff

*iuris. Huwa loġiku li billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun, il-mandat jinħareġ favur dak li "jidher" (fi kliem l-istess liġi) mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun. Iġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretenzjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibilta', u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretenzjoni jkollha probabbilta' kbira li tintlaqa'. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smiegħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretenzjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.*

17. Għaldaqstant, hekk kif ġie ritenut fid-digriet fl-ismijiet ***Mario Zammit u Maria Bugeja vs Silvio Scerri***[3]:

*Unikament għall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Ħadd mill-partijiet ma jista jew m'għandu jippretendi li mad-"daqqa t'għajn" għandha tkun proprju din il-Qorti li tiddeċiedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-proċedura speċjali u partikolari tal-Mandat ta' Inibizzjoni. Dan kollu qed jingħad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeċiedi finalment dwar il-pretensjonijiet tagħhom*

[3] Mandat Nru 1164/2020, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 16 t'Ottubru 2020, Onor Imħ Tonio Mallia

*fil-mertu, iżda huwa limitat u ċirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-liġi sabiex ikun operattiv il-mandat.*

18. Stabbilit il-jedd *prima facie,* il-Qorti għandha ddur sabiex tindaga jekk l-att illi jkun qed isir mill-intimat hux ta' preġudizzju għall-jedd *prima facie* tar-rikorrenti, b'dana illi d-deċiżjoni dwar jekk għandux jiġi akkordat il-mandat t'inibizzjoni jew le għandha tiġi bbażata fuq il-grad ta' preġudizzju illi jkun ser jiġi arrekat lill-jeddijiet tar-rikorrenti, u cioe l-hekk imsejjaħ *periculum in mora*;

19. Minkejja l-fatt illi fil-każ ta' mandat t'inibizzjoni in ġenerali ġurisprudenza kostanti tgħallem illi l-preġudizzju illi jkun ser jiġi arrekat lill-jeddjiet tar-rikorrent għandu jkun wieħed irrimedjabbli, dan mhux il-każ f'mandat t'inibizzjoni mitlub kontra l-Gvern jew awtorita' pubblika mwaqqfa mill-Kostituzzjoni, jew kontra persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha. Difatti, ġie ritenut fid-digriet fl-ismijiet ***Vitus Chibuihe Ohanebo et vs Il-Kummissarju tal-Pulizija bħala Principal Immigration Officer***:

> *Tqis li, f'dan ir-rigward, il-liġi llum (b'seħħ minn Ottubru tal-2006), m'għadhiex titkellem dwar preġudizzju "li ma jkunx jista' jiġi rimedjat" bħala l-bażi tal-ilqugħ ta' talba għall-ħruġ tal-mandat kontra l-Gvern, imma biżżejjed jintwera li tali preġudizzju jkun* **sproporzjonat**. *Dan ifisser li, bejn il-vantaġġ li joħroġ kieku l-ħaġa titwettaq u l-ħsara li ġġib magħha jeħtieġ li jsir tqabbil, iżda dan għandu jitqies mill-perspettiva tal-parti li titlob il-ħruġ tal-Mandat;*[4] (emfasi miżjuda)

---

[4] Mandat Nru 1935/2009, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 18 ta' Diċembru 2009, Onor Imħ Joseph R Micallef. Ara wkoll ***Noureddin Guma Hamid vs Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni***, Mandat Nru 860/2008/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 19 ta' Ġunju 2008, Onor Imħ Joseph R Micallef; ***Kevin Micallef vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et***, Mandat Nru 1731/2008/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 24 ta' Novembru 2008, Onor Imħ Joseph R Micallef; u ***Geoffrey Azzopardi et vs Kummissarju tal-Pulizija***, Mandat Nru 121/2021/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 23 ta' Frar 2021, Onor Imħ Anna Felice

20. Finalment, huwa prinċipju illi jirriżulta kemm mill-provvedimenti tal-liġi stess, kif ukoll minn ġurisprudenza kostanti tal-Qrati nostrana, fosthom mid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Sultana vs Sultana*** suċitat, illi:

> *L-Elementi li jwasslu għall-ħruġ tal-mandat huma kumulattivi mhux alternattivi u għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti hija obbligata tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-mandat. Barra minn hekk huma kriterji oġġettivi, u fl-applikazzjoni tal-liġi dwar kif u meta għandu jinħareġ mandat il-Qorti għandha tuża interpretazzjoni restrittiva. Il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni huwa mandat kawtelatorju li jsir fi żmien meta l-pretensjoni ma tkunx għadha ġiet ġuridikament aċċertata u stabbilita. Għalhekk hija meqjusa proċedura eċċezzjonali u straordinarja.*[5]

21. Il-Qorti sejra għalhekk tgħaddi sabiex teżamina jekk ir-rekwiżiti illi għandhom jissussistu għall-ħruġ tal-mandat odjern jirriżultawx jew le, u dan bl-applikazzjoni tal-prinċipji legali suċitati għall-fatti in kawża:

**A. <u>L-Ewwel Element</u>: <u>Ir-rikorrenti għandu jkollha jedd *prima facie*</u>**

22. L-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jistabbilixxi s-segwenti:

> *(1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' din il-Kostituzzjoni, is-setgħa li jagħmel ħatriet għall-karigi uffiċjali u li jneħħi, u li jeżerċita kontroll dixxiplinarji fuq, persuni li jkollhom jew ikunu jaġixxu f'xi karigi bħal dawk tkun fil-Prim Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku:*

[5] Ara wkoll ***George Camenzuli vs Awtorita' għat-Trasport f'Malta et***, Rik Nru 648/2019, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 20 ta' Ġunju 2019, Onor Imħ Lorraine Schembri Orland

*Iżda l-Prim Ministru jista', billi jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, jiddelega bil-miktub, salvi dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu jkunu speċifikati fid-dokument ta' delega, kull waħda mis-setgħat imsemmija f'dan is-subartikolu lil dak l-uffiċjal pubbliku jew awtorità oħra kif jista' jkun speċifikat fid-dokument.*

23. Skont l-ittri annessi mar-rikors għall-ħruġ tal-mandat odjern immarkati **Dok A sa Ċ** (a fol 5-7 tal-proċess), il-Kap Eżekuttiva tal-Aġenzija intimata informat lir-rikorrenti illi kienet qed tittieħed azzjoni dixxiplinarja fil-konfront tagħha skont ir-Regolament 17 tar-Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (LS.Kost.03). Dan ir-Regolament jinsab fit-Taqsima V tal-LS.Kost.03, entitolata *Proċedimenti Dixxiplinari taħt Delega ta' Awtorita'*, u huwa stabbilit fir-Regolament 16 illi:

*Id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom japplikaw biss meta l-eżerċizzju tas-setgħat dixxiplinari u l-kontroll ikunu ġew delegati lil Kap ta' Dipartiment jew lil xi uffiċjal ieħor jew awtorita' oħra mill-Prim Ministru skont l-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni, u għandhom japplikaw biss sal-limitu speċifikat.*

24. Hekk kif tajjeb sostniet l-Aġenzija intimata, permezz ta' strument ta' delega[6] mogħti mill-Prim Ministru nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Marzu 2021,

*[F]l-eżerċizzju tas-setgħet mogħtija bl-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni, qiegħed b'din nordna li mid-data hawn taħt imsemmija s-setgħat li l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku rrakkomandat li għandhom ikunu eżerċitati mill-uffiċjali pubbliċi jew l-awtoritajiet l-oħra elenkati fl-iSkeda*

[6] Vide **Dok VG1** esebit mill-Aġenzija intimata waqt is-seduta tas-16 ta' Mejju 2023

> *ma' dan id-Dokument u għandhom ikunu hekk eżerċitati mill-imsemmija uffiċjali pubbliċi u l-awtoritajiet l-oħra, sal-limitu li hemm fl-imsemmija Skeda u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet speċjali li hemm fiha, u dan skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.*

L-iSkeda anness mal-istess dokument, imbagħad, tistabbilixxi illi:

> *L-uffiċjali pubbliċi u awtoritajiet oħra elenkati hawn taħt għandu jkollhom is-setgħa li jeżerċitaw kontroll dixxiplinarju skont ir-Regolamenti tal-Proċedura tad-Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (S.L.Kost.03) u d-Dokument ta' Delega li din l-iSkeda tagħmel parti minnha, mingħajr referenza lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, fuq uffiċjali pubbliċi fl-oqsma tal-ġurisdizzjoni tagħhom, u suġġett għad-dispożizzjonijiet speċjali applikabbli għalihom.*

Il-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija intimata hija waħda mill-uffiċjali pubbliċi elenkati taħt din l-iSkeda, b'ġurisdizzjoni fuq *"uffiċjali pubbliċi li jaqdu dmirijiet fl-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati"*, b'dispożizzjoni speċjali illi tirriserva għall-*"istruzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti responsabbli, fil-parametri ta' din l-iSkeda, li jagħtu lil kwalunkwe uffiċjal wieħed is-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinari fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi"*. Fil-każ odjern ma nġabet l-ebda prova illi ngħataw xi struzzjonijiet ta' din ix-xorta;

25. Din il-Qorti għalhekk tqis illi, mad-daqqa t'għajn, jidher illi l-Aġenzija intimata għandha kull dritt illi tiddixplina lir-rikorrenti bħala impjegata tagħha. Hija r-rikorrenti stess illi, fir-rikors għall-ħruġ tal-mandat odjern, tgħid illi hija *"impjegata ma' l-Aġenzija intimata"*, u mid-dokument ta' delega esebit mill-Aġenzija intimata, jirriżulta ben ċar illi l-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija intimata għandha fil-ġurisdizzjoni tagħha kull impjegat tal-istess

Aġenzija. *A contrario sensu*, ma tqisx għalhekk din il-Qorti illi r-rikorrenti għandha xi dritt *prima facie* x'tikkawtela, u dan stante illi ma jirriżultax lil din il-Qorti illi l-unika entita' illi tista' tiddixplina lir-rikorrenti hija l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, kif tissottometti r-rikorrenti;

26. Ir-rikorrenti ssostni illi peress illi hija ġiet *detailed*, hija ingaġġata mas-servizz pubbliku, u huwa a bażi ta' dan il-fatt illi hija qed issostni illi l-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija intimata m'għandhiex il-jedd teżerċita poteri dixxiplinarji fuqha;

27. Mingħajr preġudizzju għall-fatt illi r-rikorrenti stess tgħid, hekk kif diġa' senjalat minn din il-Qorti, illi hija *impjegata* mal-Aġenzija intimata, din il-Qorti tinnota wkoll illi l-*Manual on Resourcing Policies and Procedures* maħruġ mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, fis-sezzjoni *Detailing of Public Officers for Duty with Public Entities* jagħmilha ċara illi uffiċjali illi jiġu *detailed "shall be under the administrative authority and control of the entity but any disciplinary action instituted against them will be taken in terms of the standing Disciplinary Regulations"*[7], liema Regolamenti jirreferu għad-delegazzjoni t'awtorita' kif ġia spjegat aktar 'il fuq. Dan il-fatt ikompli jikkonvinċi wkoll lil din il-Qorti illi r-rikorrenti m'għandhiex *prima facie* dritt illi titlob illi l-proċeduri dixxiplinarji fil-konfront tagħha ma jitteħdux mill-Aġenzija intimata;

28. Tenut kont tal-premess, din il-Qorti tikkonkludi illi **ma ġiex sodisfaċentement pruvat** illi jissussisti l-ewwel element rikjest sabiex tiġi milqugħa t-talba tar-rikorrenti;

29. Konsegwentement, in konsiderazzjoni tal-fatt illi l-elementi illi jeħtieġ jissussistu sabiex tiġi milqugħa talba bħal dik odjerna huma kumulattivi u mhux alternattivi, fin-nuqqas ta' wieħed mill-elementi rikjesti, din il-Qorti

[7] *Manual on Resourcing Policies and Procedures* (updated 30 March 2023) <https://publicservice.gov.mt/en/Documents/Public%20Service%20Management%20Code/PSMC%20Manuals/Manual_on_Resourcing_Policies_and_Procedures.pdf>

tiddikjara illi t-talba rikorrenti ma tistax tiġi milqugħa, u sejra għalhekk tastjeni milli tkompli l-indaġini tagħha fir-rigward tal-elementi l-oħra.

**Decide**

30. Għal dawn il-motivi, u peress illi nstab illi huwa nieqes l-element ta' dritt *prima facie* rikjest sabiex tintlaqa' talba bħal dik in eżami, din il-Qorti sejra:

(a) **Tirrevoka *contrario imperio*** d-digriet minnha mogħti nhar it-tnax (12) ta' Mejju 2023; u

(b) **Tiċħad** it-talba rikorrenti.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kontra Ruth Camilleri.

**Digriet kamerali mogħti llum, l-Erbgħa, 17 ta' Mejju 2023.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Karen Bonello**
**Deputat Reġistratur**